# 'The Fire' – il-versatilità ta' Ira Losco f'direzzjoni ġdida

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

*The Fire* hu r-raba' album għal Ira Losco, li jara lil din il-kantanta u *songwriter* brava toħroġ karattru u dimensjoni versatili, aktar mexxej mill-albums preċedenti.

Is-suċċess miksub fil-ftit jiem li ilu barra, jixhed li *The Fire* ħa jkollu marka tajba fil-karriera ta' Ira. Fil-fatt, għat-tieni ġimgħa konsekuttiva, dan l-album jinsab igawdi l-quċċata tal-*iTunes*, u bir-raġun.

Il-ħruġ ta' dan l-album għal ħafna kien mingħalihom li Ira Losco qed tirritorna fix-xena wara li ftit konna qed nisimgħu dwarha. Iżda fil-verità hi qatt ma telqet mill-andament, tant li f'dawn l-aħħar sentejn kienet impenjata f'bosta kunċerti barra minn Malta, fosthom *Il Concerto di Natale* li xxandar fuq ir-Rai, it-*tour* ma' Max Gazzè u l-Festival Show li ġibed udjenza ta' 30,000 f'Venezja matul is-sajf li għadda.

### Kantanta versatili

Kien f'Mejju tas-sena l-oħra meta Ira Losco daħlet tirrekordja dan l-album f'Jagged House Studios. Jinkludi fih 11-il *track* b'mużika u kitba ta' Ira Losco u produzzjoni tajba ta' Howard Keith li f'dan ix-xogħol, kompla jespandi l-kalibru u l-artistrija ta' Ira.

*The Fire* juri l-versatilità u direzzjoni ġdida ta' stil ta' mużika għal din il-kantanta ta' 31 sena li l-passat tagħha jixhed suċċess f'dak li kisbet minn meta splodiet fit-tieni post fil-Eurovision Song Contest 2002 sa Ġieħ ir-Repubblika, inkluż it-tliet studios albums preċedenti – 'Someone Else' (2004), 'Accident Prone' (2005) meqjus bħala l-aktar album li kisbilha bejgħ u 'Fortune Teller' (2008); l-album unplugged 'Unmasked' (2006), 2 remix albums, dvd mużikali 'Livin it' u ktieb b'400 paġna li ffoka f'din l-esperjenza brillanti.

Dan il-vjaġġ, flimkien ma' vetrina ta' *awards* mużikali, ippoġġi lil Ira bħala kantanta unika fil-gżejjer tagħna.

*The Fire* tnieda fl-20 ta' Marzu li għadda waqt riċeviment f'Villa Bologna, f'H'Attard fejn għalih kien hemm numru kbir ta' personaġġi fil-qasam tal-*media* u ħbieb oħra li għamlu lejla indimentikabbli għal Ira u l-organizzazzjoni ta' din it-tnedija – JUGS Malta u Island Caterers.

*Tracks* bħal *What I'd give, The Way It's Meant to Be, Shouldn't Have to Bother, Not for Me* li tispikka solo tat-trumpetta, *Me Luv u Long Time*, il-ġeneru *dance* f'*Dead or Alive* (*Save my Soul*), *The Person I Am* u t-*title track The Fire* toħroġ il-libertà f'ġeneri diversi, differenti mill-element ta' *Fortune Teller* li kien bażat fuq il-kitarri.



IRA LOSCO – oriġinalità u versatilità. (Lemin): il-qoxra tal-aħħar album, 'Fire'




### Libera li tesperimenta

Dwar dan, Ira Losco qalet li f'dan il-materjal ma kinitx kundizzjonata f'xi ħoss u stil partikulari iżda tistqarr li kienet libera li tisperementa bi stili, ħsejjes u viżwali differenti.

Tgħid li tħossha ferħana u eċċitata bħal meta kienet ħarġet l-ewwel album tagħha fl-2004. Tikkumenta hekk:

"Il-kitba ta' dan l-album kienet waħda ta' libertà kbira. Tant kien hemm affarijiet li ma kontx għidt f'dawn l-aħħar sentejn li ħassejtni ma stajtx nieqaf nikteb u ndoqq. Issuperajt żmien ikraħ, fejn qas biss ridt immiss strument b'idejja jew naħseb li nikteb il-mużika. Imbgħad meta bdejt nikteb, ma kelli l-ebda inibizzjonijiet, inħossni kburija ħafna b'dan l-album."

Il-*video* ta' *What I'd Give*, l-ewwel *single* minn dan l-album li kienet telgħet fil-quċċata tal-klassifiċi matul is-sajf l-ieħor, taħt direzzjoni ta' 'Take 2', rebaħ l-unur tal-aqwa *video* tas-sena fejn qabeż il-200,000 hit fi ftit xhur. Fih Ira toħroġ ukoll il-kapaċitajiet tagħha bħala attriċi.

It-tieni *single* ta' Ira Losco, *The Person I Am*, diska li fiha Ira tikkombina tajjeb mar-rap ta' David Laegeusse, tikseb aktar suċċess mis-*single* ta' qabilha. Il-*video* ta' din id-diska għandu direzzjoni ta' Keith Falzon.

Howard Keith Debono, id-direttur ta' Jagged House u l-*producer* ta' dan l-album, qal li meta sema' l-ideat tas-siltiet ta' Ira fuq il-pjanu, ħass mill-ewwel li dan kien se jkun l-iktar album ta' suċċess ta' Ira. "Ħabat tajjeb li konna t-tnejn wara l-istess ħoss u b'hekk ħdimna sew. Ira minn dejjem kienet innovattiva u n-nies dejjem jistennewha toħroġ b'xi ħaġa ġdida fil-mużika tagħha, jew stil, proġetti jew il-mod kif tippreżenta ruħha inġenerali."

### Mużiċisti bravi

Bla dubju, barra l-vuċi u l-mużika ta' Ira, f'*The Fire* hemm l-inklużjoni tal-band tagħha flimkien ma' mużiċisti oħra bravi li taw sehemhom. Dawn huma Peter Borg (kitarra elettrika), Alex Mallia (kitarra akustika), Ivan Borg (bass), Steve 'Kannibal' Muscat (drums), Howard Keith (arranġamenti, *keyboards* u strumenti addizzjonali), Adrian 'Ir-Russu' Brincat (Trumbetta), u Simon Vella (vjolin).

L-album jista' jinkiseb permezz ta' madwar 78 sit differenti, fosthom I tunes, Amazon, HMV, Spotify u fil-format fiżiku mill-ħwienet tad-diski ewlenin jew inkella jista jiġi ordnat minn fuq *www.jaggedhouse.com*.

Għal aktar tagħrif żur *www.iralosco.com*.

Intant, Ira Losco u l-band tagħha jinsabu ħerqana li jagħmlu diversi prestazzjonijiet *live* li mistennija jibdew matul ix-xahar id-dieħel, fejn mużiċisti oħra se jingħaqdu fuq il-palk magħhom u mal-mużika ta' Ira u l-*band*.

Mistennija wkoll bosta sorpriżi oħra.